**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-14 ta' Dicembru 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 147/22 AGV**

**RB**

**Vs**

**KB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' KB** tad-19 t'Ottubru 2022 li fih ppremetta u talab is-segwenti:

Illi r-rikorrenti gie innotifikat mill-Qorti bir-rikors guramentat tal-attrici nhar it-tlieta (3) ta' Awwissu 2022;

Illi allura kellu terminu ta' ghoxrin (20) gurnata minn din id-data sabiex iwiegeb permezz tar-risposta guramentata tieghu;

Illi dak iz-zmien ir-rikorrenti kien taht il-patrocinju tal-Avukat Natalino Caruana De Brincat, illi pero` kien indispost mis-sebgha (7) ta' Awwissu minhabba ragunijiet serji ta' sahha u ghal liema raguni ma kienx qed jara klijenti;

Illi r-rikorrenti ghadu jhobb lill-attrici u baqa' jittama f'rikonciljazzjoni bejniethom, u sabha ferm difficli emozzjonalment sabiex jaccetta li s-sitwazzjoni bejnu u bejn martu waslet sa dan il-punt;

Illi peress li mohhu kien ghadu m'accettax ir-realta`, lanqas irrealizza l-importanza li jwiegeb ghar-rikors tal-attrici martu fit-terminu ta' ghoxrin (20) jum, u ghalhekk meta sar jaf li l-Avukat tieghu kien indispost, ir-rikorrent, li m'ghandux konoxxenza ta' proceduri legali, haseb li seta' jistenna sakemm l-Avukat jerga' jkun f'pozizzjoni li jassistieh;

Illi waqt avveniment socjali, ir-rikorrenti ltaqa' mal-Prokuratur Legali Sylvana Brannon sottoskritta, u meta spjegalha s-sitwazzjoni tieghu, din informatu bl-importanza tat-terminu u bl-urgenza tar-risposta;

Illi din l-informazzjoni ittiehdet b'serjeta` kbira mir-rikorrenti, li bhala persuna genwina li qatt ma xxellef mal-ligi jew Qrati, zgur ma kinitx l-intenzjoni tieghu li juri disprezz lejn din l-Onorabbli Qorti, u b'hekk ipprezenta r-risposta guramentata tieghu mill-aktar fis possibbli ghalkemm aktar tard mit-terminu stipulate bil-ligi;

Illi r-rikorrenti jixtieq jinghata l-opportunita` sabiex jippartecipa bis-shih f'dawn il-proceduri, anke sabiex jissalvagwardja d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq;

Ghalhekk l-esponenti qed jitlob li jinghata opportunita` jiggustifika l-kontumacja tieghu.

**Rat ir-risposta ta' RB** tat-3 ta' Novembru 2022 li fiha ppremettiet:

Illi l-esponenti giet notifikata bit-talba mressqa mill-konvenut permezz tar-rikors tieghu tad-19 ta' Ottubru 2022, li permezz tieghu qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti li jinghata l-opportunita` li jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Illi minn qari tar-rikors innifsu u mir-ragunijiet li nghataw mill-konvenut sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu jidher bic-car li l-kontumacja kienet wahda volontarja u li l-konvenut kellu kull opportunita` li jressaq ir-risposta guramentata tieghu entro t-terminu stabbilit mil-Ligi izda naqas li jsegwi l-proceduri b'diligenza minkejja t-twissija cara li kellu jressaq ir-risposta tieghu fi zmien ghoxrin jum;

Illi l-konvenut naqas li jipprova li kien hemm kawza gusta ghall-kontumacja tieghu, konsistenti f'impediment legittimu li kien indipendenti mill-volonta` tieghu. F'dan ir-rigward jigi rilevat ukoll li anke li kieku kif qed jsostni l-konvenut li l-Avukat tal-fiducja tieghu kien indispost matul parti mit-terminu ghall-prezentata tar-risposta tieghu, jibqa' l-fatt li li kieku l-konvenut ipproceda b'aktar diligenza, kien hemm alternattivi ohra disponibbli ghalih sabiex jipprezenta r-risposta tieghu u certament ma kellux jistenna sal-gurnata ta' qabel id-data tal-ewwel smiegh biex jipprezenta r-risposta tieghu;

Illi kif jammetti l-istess konvenut fir-rikors tieghu, huwa ma accettax ir-realta` li l-esponenti talbet ghas-separazzjoni, u kien ghalhekk li ma pprezentax ir-risposta guramentata tieghu. Dan minkejja li l-partijiet

ghaddew ukoll minn process ta' medjazzjoni, li matulu l-istess konvenut wera rezistenza kbira u baqa' jinsisti fuq il-posizzjoni tieghu, kif ormai dejjem ghamel matul iz-zwieg tal-partijiet, u meta gie notifikat bl-atti tas-separazzjoni ghazel minflok li ma jippartecipax fil-proceduri sabiex ikompli jxekkel il-process;

Illi ghaldaqstant, l-agir tal-konvenut li naqas li jimxi bis-serjeta` u bid-dovut rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti m'ghandux jigi gustifikat u l-konvenut ghandu jigi dikjarat kontumaci.

IKKUNSIDRAT

Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-kontumaċja illum hija wahda konkordi fis-sens li l-istitut tal-kontumaċja huwa mibni fuq il-pretest li n-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb fiż-żmien stabbilit mill-Liġi jammonta għal contumelia u dispett lejn is-sejħa tal-Qorti. Dan l-għemil jistħoqqlu piena billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali.[1]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2005, il-Qorti tal-Appell wara li għamlet referenza għal diversi decizjonijiet relatati mal-isitut tal-kontumaċja qalet hekk:

"*Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq għal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumaċja u l-principji li għandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet* ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin;*

[1] Ara f'dan is-sens id-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet Vella pro et nomine vs Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Kollezz. Vol. LXXVII – II – 170

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, għaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat għall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher għas-subizzjoni jew almenu ddiffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu għandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali".*

Illi f'dan il-kaz il-konvenut ma gab l-ebda prova ta' kawża ġusta li tista' tiġġustifika l-kontumaċja, jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment legittimu, jew żball invinċibbli li ma jammontax għal kolpa.

Fil-kaz odjern, il-konvenut ma seħħlux li jissana l-posizzjoni tieghu billi huwa falla milli jressaq prova li l-istat kontumaċi tieghu ma kienx volontarju. Il-fatti juru biċ-ċar li l-konvenut jinsab f'din il-posizzjoni frott tal-kolpa tieghu stess u mhux bi sforz ta' xi impediment leġittimu jew żball invinċibbli.

F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Novembru, 2020 minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Mario Peter Paul Joseph Tonna vs Maria Louise Tonna** fejn ġie ritenut illi:

*"Fuq ir-rikors guramentat hemm, kif rikjest mill-Liġi, twissija, miktuba b'tipa grassa u fil-bidu nett tal-att, li tinforma lil konvenuta b'lingwa cara u semplici illi hija għandha għoxrin gurnata sabiex tintavola r-risposta tagħha, u li fin-nuqqas ta' dan il-Qorti tgħaddi għad-decizjoni tagħha. Il-fatt illi l-konvenuta ma kienetx taf illi għandha terminu ta' għoxrin gurnata biex tirrispondi m'huwiex dovut għalhekk għan-nuqqas t'esperjenza tagħha fi proceduri gudizzjarja, izda huwa dovut għan-nuqqas da parti tagħha li minn tal-inqas taqra l-ewwel paragrafu tal-atti li twasslu lilha personalment minn Marixxal tal-Qorti. Dan m'huwa xejn hlief traskuragni u negligenza..."*

Issir ukoll referenza għal decizjoni oħra mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fl-10 ta' Jannar, 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Nikita Sciortino vs Shaun Camilleri** fejn ingħad hekk:

*"L-oneru illi jipprezenta r-risposta tiegħu fil-hin sabiex jassigura li jkun jista' jressaq il-provi tiegħu quddiem il-Qorti f'din il-kawza kien jinkombi fuq il-konvenut, u galadarba l-konvenut naqas milli josserva t-terminu mpost mill-Liġi, jew għall-anqas iressaq provi sodisfacenti li hemm raġuni valida li jiggustifikaw il-kontumaċja tiegħu, imputet sibi."*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ir-rikors ta' Kevin Borg tad-19 ta' Ottubru 2022 u konsegwentement tordna l-isfilz tar-risposta guramentata intavolata minnu nhar is-26 ta' Settembru 2022.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**